

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9700/22

RESPR 12
FIN 588
ECOFIN 526
ENV 522
CLIMA 251
FISC 122
UD 116
ENER 237
TRANS 341
AGRI 224
COMPET 424

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar riżorsi proprji ġodda

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020¹, il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020² (FII) jipprevedi l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda suffiċjenti biex ikopru ammont li jikkorrispondi għan-nefqa ppjanata relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (*Next Generation EU – NGEU*). Il-FII jistabbilixxi wkoll pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-riżorsi proprji ġodda u jipprevedi li l-Kunsill ser jiddelibera dwar l-ewwel pakkett ta' riżorsi proprji qabel l-1 ta' Lulju 2022 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom fl-1 ta' Jannar 2023. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Franċiża bdiet diskussjonijiet dwar il-proposti għal riżorsi proprji ġodda: (i) ir-regolamenti settorjali li jikkostitwixxu l-bażijiet legali meħtieġa għall-adozzjoni tar-riżorsi proprji l-ġodda għall-ambjent ġew ippreżentati u diskussi fil-gruppi ta' ħidma settorjali rilevanti (il-Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar is-CBAM għall-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent għas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet) u (ii) ir-reviżjoni proposta tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tagħha ġew ippreżentati u diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji.

Dan ir-rapport jippreżenta l-progress li sar matul il-Presidenza Franċiża u jipprovdi bażi għad-diskussjonijiet fil-Kunsill ECOFIN.

¹ [EUCO 10/20](#) A29, 145-150.

² Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I tat-22.12.2020, p. 28).

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-ħidma ffukat primarjament fuq l-analiżi fil-fond tal-proposti settorjali mressqa mill-Kummissjoni. Dan l-ewwel pass huwa essenzjali biex ikun possibbli li jinħolqu riżorsi proprji ġodda. Id-diskussjonijiet dwar kull pakkett tar-riżorsi proprji jistgħu għalhekk jiġu ffinalizzati biss wara l-adozzjoni tar-regolamenti settorjali li ġejjin.

Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM)

Bħala parti mill-pakkett tagħha "Lesti għall-Mira ta' 55 %", il-Kummissjoni pproponiet li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (CBAM). Fl-abbozz tar-reviżjoni tagħha tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, il-Kummissjoni tipproponi li 75 % tad-dħul iġġenerat minn dan il-mekkaniżmu għandu jsir riżorsa proprja tal-baġit tal-UE.

Fir-rigward tar-regolament settorjali korrispondenti, il-Kunsill (ECOFIN) laħaq approċċ ġenerali fil-15 ta' Marzu³.

Il-Kunsill ħa nota wkoll li l-ħidma fuq iż-żewġ kwistjonijiet li ġejjin, li mhumiex koperti mir-Regolament CBAM, ser ikollha tiġi avvanzata biżżejjed qabel ma jkunu jistgħu jibdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew⁴:

- a) Ir-rata li biha jiżdiedu l-obbligi ta' ċediment taċ-ċertifikati CBAM skont l-Artikolu 31 tal-abbozz ta' Regolament CBAM hija ddettata mir-rata tal-allokkazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lis-setturi tal-industrija koperti mis-CBAM, stipulata mid-Direttiva dwar sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;

³ Dok. 7226/22.

⁴ Dok. 7231/2/22 REV 2; dok. 6978/22.

- b) Il-kwistjoni tal-limitazzjoni tar-rilokazzjoni potenzjali tal-emissjonijiet tal-karbonju marbuta mal-esportazzjoni titlob soluzzjonijiet xierqa biex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza, l-integrità ambjentali u l-kompatibbiltà mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Wara l-Kunsill ECOFIN tal-15 ta' Marzu 2022, il-ħidma fuq dawn iż-żewġ kwistjonijiet tkomplet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent, li ltaqa' diversi drabi biex jiddiskuti dan is-suġġett bil-ħsieb li jinstab kompromess fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-sistema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet. Saret ukoll diskussjoni dwar dan is-suġġett fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I).

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-fatt li, barra minn hekk, il-Kummissjoni ressqet proposti għal riziorsi proprji bbażati fost l-oħrajn fuq id-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati CBAM, li qed jiġu eżaminati bil-ħsieb ta' deliberazzjoni dwarhom sal-1 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill ħa nota tal-fatt li l-istabbiliment tas-CBAM jitlob l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bilaterali, multilaterali u internazzjonali mal-pajjiżi terzi, inkluż l-istabbiliment parallel ta' alleanza ta' pajjiżi bi strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju jew strumenti komparabbli oħra ("klabb dwar il-klima") sabiex jiġu promossi politiki klimatiċi ambizzjużi fil-pajjiżi kollha u titwitta t-triq għall-ipprezzar tal-karbonju fil-livell globali.

Sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS)

Fil-pakkett tagħha "lesti għall-mira ta' 55 %", il-Kummissjoni tipproponi r-reviżjoni u l-estensjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-UE (EU ETS) u tipproponi l-ħolqien ta' sistema separata ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet għas-settur tal-bini u dak tat-trasport bit-triq. Fl-abbozz tar-reviżjoni tagħha tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, il-Kummissjoni tipproponi li 25 % tad-dħul kollu ġġenerat mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet isir riżorsa proprja tal-UE. Kif previst fil-Ftehim Interistituzzjonali ta' Diċembru 2020, din ir-riżorsa proprja l-ġdida tkun ibbażata fuq is-sistema attwali ta' skambju ta' kwoti għal installazzjonijiet stazzjonarji, flimkien mas-settur tal-avjazzjoni (li għalih jiġu rkantati kwoti addizzjonali) u l-estensjoni tas-sistema għat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li din ir-riżorsa proprja tkopri wkoll id-dħul mill-iskema separata l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

Sabiex tiddiskuti l-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS, il-Presidenza Franċiża stabbiliet programm ta' ħidma intensiv u s'issa kien hemm 16-il laqgħa tal-grupp ta' ħidma.

F'Marzu 2022, il-Ministri għall-Ambjent iffukaw id-diskussjonijiet fuq il-proposta biex tiġi stabbilita EU ETS separata għall-bini u t-trasport bit-triq, kif ukoll fuq il-proposta għall-Fond Soċjali għall-Klima.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-ħidma komplet b'pass kostanti fil-fora rilevanti.

Pilastru 1

Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-allokkazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet ("il-Pilastru 1") tkompli fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erozzjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti ("il-Qafas Inklużiv"). Fl-abbozz tar-reviżjoni tagħha tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, il-Kummissjoni tipproponi li talloka 15 % tal-profitti taxxabli tal-intrapriżi multinazzjonali riallokati lil kull Stat Membru taħt il-Pilastru 1 għall-baġit tal-UE.

L-għan tal-ħidma fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 huwa li tiġi żviluppata Konvenzjoni Multilaterali (MLC). Ladarba din il-ħidma tkun tlestiet, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposta għal direttiva li tagħti effett lill-ftehim f'konformità mal-liġi tal-UE u f'konformità mar-rekwiżiti tas-suq uniku.

Pakkett tar-riżorsi proprji

Fir-rigward tal-pakkett tar-riżorsi proprji, il-ħidma teknika saret b'mod parallel mal-ħidma settorjali. Abbażi tal-mistoqsijiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni wieġbet għall-mistoqsijiet tekniċi konkreti: i) is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi, id-data sottostanti u l-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha, ii) il-ġustifikazzjoni tar-rati miżmuma għal kull riżorsa proprja (25 % għall-ETS, 15 % għall-pilastru 1 u 75 % għas-CBAM) u iii) dettalji dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament awtomatiku tal-limiti massimi tal-QFP abbażi tal-ammonti miġbura minn riżorsi proprji ġodda sabiex jitħallas lura s-self tal-NGEU.

Il-grupp dwar ir-riżorsi proprji beda wkoll l-eżami tal-proposti biex isiru disponibbli riżorsi proprji ġodda (MAR 3) u miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji (IMSOR). Dawn il-proposti MAR 3 u IMSOR, ippreżentati mill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu, jispeċifikaw, rispettivament, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tat-tliet riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-UE u d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-kontroll u s-superviżjoni, inkluż l-obbligi ta' rappurtar applikabbli.

Fl-aħħar nett, kif previst fil-pjan direzzjonali tal-FII, sal-2024 il-Kummissjoni ser tipproponi riżorsi proprji addizzjonali ġodda. Il-Kummissjoni indikat li dawn il-proposti l-ġodda jistgħu jitressqu qabel.

Fid-dawl tal-Ftehim Interistituzzjonali, tal-ħidma mwettqa s'issa u tal-progress li sar fuq dawn il-proposti settorjali ppubblikati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar:

- ***l-introduzzjoni ta' dawn ir-riżorsi proprji ġodda biex jiġi żgurat il-ħlas lura tal-pjan ta' rkupru tal-UE;***
- ***l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.***
